**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 27 ta' Novembru 2023**

**Rikors Numru 124/2019**

**Fl-Atti tal-Ittra Uffiċjali Numru 1057/18 fl-ismijiet:**

**Automated Revenue Management Services Limited (C-46054) f'isimha proprju kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tal-Enemalta plc u tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma**

**Vs**

**Gozo Caterers Limited (C-4338)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-soċjeta` rikorrenti **Gozo Caterers Limited** ippreżentat fl-20 ta' Ġunju 2019 li permezz tiegħu esponiet is-segwenti :

*"Illi l-esponenti qiegħda tippreżenta dana r-rikors ai fini tal-artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) wara li ġiet notifikata bl-ittra uffiċjali tas-16 ta' April 2018 surreferita, li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi interpellat lill-esponenti sabiex tħallas is-somma ta' elf sitt mija u disgħa u tletin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€1,639.36) rappreżentanti allegat bilanċ dovut lis-soċjeta' ARMS Limited f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta p.l.c. u l-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma, għal servizzi u simili allegatament provduti.*

*1) Illi preliminarjament jingħad illi l-ħlas kif mitlub mis-Soċjeta' attriċi hu milqut mill-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 subinċiż (f) u Artikolu 2156 subinċiż (g) tal-Kodiċi Ċivili (Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta) peress li l-ammont reklamat jirreferi għal perjodu li jmur oltre minn ħames (5) snin.*

*2) Inoltre, bla ebda preġudizzju għal dik l-eċċezzjoni preliminari, it-talba għall-flus kif dedotta fl-ittra uffiċjali surreferita hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont hekk kif reklamat mhuwiex dovut, skont kif jiġi muri fil-kawża.*

*3) Illi għalhekk l-ammont reklamat fl-ittra uffiċjali fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) numru 1057/18 mhuwiex ċert, likwidu u dovut, u għalhekk il-proċedura taħt l-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija stultifikata.*

*4) Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi u għar-raġunijiet li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-esponenti a tenur tal-Artiklu 466(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talba ta' ARMS Limited f'isimha proprju u għan-nom tal-Enemalta p.l.c. u l-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma (Water Services Corporation) bħala waħda infondata u dan previa kull provvediment jew dikjarazzjoni oħra li jidhrilha xieraq u opportun li tagħti."*

Rat ir-risposta tas-soċjeta` intimata **Automated Revenue Management Services Limited** ***proprio et nomine*** ippreżentata fit-23 ta' Lulju 2019 li permezz tagħha esponiet is-segwenti :

*"1. Illi, is-Soċjeta' Automated Revenue Management Services Limited pro et noe hija kreditriċi tar-rikorrent fl-ammont kumplessiv ta' elf, sitt mija u disgħa u tletin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€1,639.36) rappreżentanti konsum ta' ilma u dawl, kera ta' meters tal-ilma u tad-dawl, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees, flimkien ma' imgħax dovut skont il-liġi relatati mal-kontijiet tas-servizzi utili indikati fl-imsemmija ittra uffiċjali bin-numru 1057/2018, u għalhekk l-ammont huwa dovut mir-rikorrent kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*2. Illi, nonostante dak eċċepit mir-rikorrent fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, is-Soċjeta' esponenti umilment tirrileva li din għandha tiġi miċħuda stante li saru pagamenti akkont li ċertament intorrempew it-terminu tal-preskrizzjoni;*

*3. Illi, di piu' l-ammont għadu dovut stante li l-kont għadu attiv;*

*Għaldaqstant b'riżerva għal kull prova oħra kif ikun meħtieġ li tinġieb, bil-permess ta' din il-Qorti, is-Soċjeta' esponenti titlob li din l-istess Qorti tiċħad it-talba tar-rikorrent bħala mingħajr bażi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra uffiċjali numru 1057/2018 ippreżentata ai termini tal-Art. 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, hija reża eżekuttiva kontra r-rikorrenti."*

Rat is-sentenza datata 22 ta' Jannar 2021 dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mir-rikorrent fir-rikors tiegħu;

Rat id-dokumenti esebiti minn Reuben Bonnici ;

Semgħet ix-xhieda prodotti ;

Semgħet it-trattazzjoni ;

Rat li din il-kawża tħalliet għal-lum għal sentenza finali.

**Ikkunsidrat :**

Illi dawn il-proċeduri nbdew wara li s-soċjeta` intimata *proprio et noe* (iktar 'il quddiem is-soċjeta` intimata) intimat lis-soċjeta` rikorrenti permezz ta' ittra uffiċjali Numru 1057/18 sabiex tħallas l-ammont ta' elf, sitt mija u disgħa u tletin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€1,639.36) rappreżentati bilanċ dovut għal konsum t'ilma, dawl u spejjeż amministrattivi, *connection* u *disconnection fees*, flimkien ma' imgħax dovut skont il-liġi.[1]

Illi s-soċjeta` rikorrenti tisħaq illi t-talba għall-ħlas formanti l-mertu tal-imsemmija ittra uffiċjali hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont hekk reklamat mhux dovut. Tisħaq ukoll illi siccome` l-ammont reklamat mill-intimata mhux ċert, likwidu u dovut, allura l-proċedura adoperata ai termini tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma tistax tirnexxi.

**PROVI**

Illi s-soċjeta` rikorrenti pproduċiet bħala x-xhud prinċipali tagħha lil rappreżentant tal-intimata, u ċioe` lil **Reuben Bonnici**. Mid-dokumenti esebiti mis-Sur Bonnici jirriżulta illi l-meter tad-dawl u ilma rigwardanti l-kont in kwistjoni jfornu l-fond Għammar Place, 2, Triq Ta' Għammar, Għasri. Is-Sur Bonnici esebixxa sensiela ta' kontijiet minn meta twaqqfet l-ARMS u ppreżenta wkoll prospett ta' meta preċedentement il-kontijiet kienu joħorġu mill-Water Services Corporation. Illi l-iktar kont antik maħruġ mill-ARMS imur lura għas-16 ta' Lulju 2010[2] filwaqt li l-iktar kont antik maħruġ mill-Water Services Corporation imur lura għat-22 ta' Diċembru 2004.[3]

---

[1] A fol. 160
[2] A fol. 130
[3] A fol. 132

Jirriżulta wkoll illi f'dan il-fond ma hemm reġistrat ebda ammont ta' residenti u għal ħafna snin l-ammont reklamat mill-intimata kien għall-kirja tal-*meters*. Madanakollu siccome ` jirriżulta li l-aħħar pagament li sar mis-soċjeta` rikorrenti kien fit-12 ta' Diċembru 2015, u dan kif jirriżulta minn Dokument RB3 a fol. 20 tal-proċess, il-bilanċ dovut lill-intimata beda dejjem jiżdied sakemm l-intimata pproċediet bl-ittra uffiċjali in kwistjoni sabiex tiġbor l-ammont li kien dovut sa dak iż-żmien, u ċioe` sa April 2018. Skont ma xehed Reuben Bonnici, il-*meters* tad-dawl u ilma kienu ilhom installati fil-fond in kwistjoni mis-sena 1996, pero` s-soċjeta` rikorrenti qatt ma ħallset kont sħiħ sabiex il-bilanċ jiġi żero (0) iżda dejjem kienet tħallas biss parti minn kont, sakemm imbagħad ma baqgħatx tonora l-ebda pagament.

Reuben Bonnici spjega illi l-intimata bagħtet tliet "final notices" lis-soċjeta` rikorrenti, u ċioe` fis-16 ta' Ottubru 2016, fil-11 ta' Lulju 2018, u fid-9 ta' Frar 2019.[4]

**Ikkunsidrat:**

Illi mit-trattazzjoni orali jirriżulta illi t-tliet difiżi prinċipali tas-soċjeta` rikorrenti huma s-segwenti, u ċioe`:

1. Illi l-ammont reklamat mhux ċert iżda huwa wieħed fluwidu u għalhekk irid jiġi konfermat;
2. Illi s-servizz ġie sospiż u kwindi ma hemm ebda ammont dovut għall-kiri tal-*meters*;
3. Illi mill-ammont dovut irid jiġi mnaqqas il-kirjiet tal-*meters* waqt li s-servizz kien sospiż.

Illi din il-Qorti tqis illi dawn l-argumenti huma għal kollox infondati u fiergħa.

Illi kif irriżulta mix-xhieda ta' Reuben Bonnici u mid-dokumentazzjoni esebita, l-ammont reklamat mill-intimata fl-ittra uffiċjali impunjata huwa ċert, likwidu u dovut. Illi fil-fehma tal-Qorti ma kien hemm ebda ammont fluwidu kif reklamat mis-soċjeta` rikorrenti. Minn eżami tal-kontijiet jirriżulta illi sad-data li fiha ġiet

[4] Dokument BR1 u BR2 a fol. 155 u 156

ippreżentata l-ittra uffiċjali, l-ammont rekalmat kien kollu dovut u dan kif se jiġi spjegat aħjar hawn taħt. Illi għalhekk din id-difiża qiegħda tiġi miċħuda.

Illi s-soċjeta` rikorrenti tissottometti wkoll illi ladarba l-intimata għażlet li tissospendi s-servizz offrut minnha, allura ma setgħetx tibqa' tirreklama l-kirjiet tal-*meters* ladarba s-soċjeta` rikorrenti ma setgħetx tużufruwixxi mill-istess servizz. Illi tajjeb li jiġi sottolinejat illi l-prova prodotta mill-istess soċjeta` rikorrenti tikkontradixxi dak li ġie sottomess fit-trattazzjoni orali. Dana għaliex Reuben Bonnici, fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2022, ikkonferma li l-provista tad-dawl u tal-ilma qatt ma ġiet sospiża.

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi jekk is-soċjeta` rikorrenti ma riditx li tibqa' tħallas għall-kirjiet, allura kellha titlob lill-intimata sabiex tneħħi l-*meters*. Dan pero` ma għamlitux.

Illi s-soċjeta` rikorrenti tisħaq illi dan ma setghatx tagħmlu stante li biex tapplika għat-tneħħija tal-*meters*, qabel hija kellha tissalda kwalunkwe bilanċ li kellha mal-intimata.

Pero`, għal dak li għandu x'jaqsam il-provvista tal-elettriku (inkluż il-kirja tal-meter tad-dawl) il-Leġislazzjoni Sussidjarja 545.01 (Ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku) tipprovdi inter alia s-segwenti:

*50. Il-meters jibqgħu proprjetà tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, u l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jkollu l-jedd li jimponi ħlas ta' €1500 jekk meter installat f'post ta' konsumatur sussegwentement ma jinstabx.*

*54. Jekk konsumatur jopponi jew ma jagħtix il-faċilitajiet xierqa sabiex l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jkun jista'ineħħi meter, sew jekk dan il-meter għandu jitneħħa għax ikun talab il-konsumatur jew għax meħtieġ mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, huwa jibqa' suġġett għall-ħlas tad-dritt tal-meter sal-ġurnata li jitneħħa.*

*72. Ebda konsumatur ma jeħles mill-obbligu tal-ħlasijiet tal-ħlas tal-meter jew tal-konsum f'lok imgħammar minnu kemm-il darba u*

*sakemm ma jagħtix avviż bil-miktub liċ-Chairman fejn ifissirlu li ma bi ħsiebux jibqa' juża l-kurrent elettriku minn dik id-data li tingħata minnu, u kemm-il darba u sakemm ma jkunx ħallas kull somma ta' flus li l-konsumatur ikollu jagħti taħt dawn ir-regolamenti:*

*Iżda l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista', mid-data stabbilita f'dak l-avviż, iwaqqaf il-provvista tal-elettriku u jneħħi l-meter.*

*84. Meta konsumatur wara li jkun ingħata avviż xieraq jonqos li jagħti faċilitajiet lil uffiċjal tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għall-qari ta' meters, iċ-Chairman, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 83 u 85, għandu jimponi fuq il-konsumatur il-ħlas tal-meter kif applikabbli iżda ma għandu, fin-nuqqas ta' raġuni xierqa għal dak in-nuqqas, jikkredita lill-konsumatur b'ebda konsum mingħajr ħlas għal żminijiet li matulhom il-postijiet ma kienux ġew miftuħa biex isir il-qari tal-meter'.*

Għal dak li għandu x'jaqsam il-provvista tal-ilma (inkluż il-kirja tal-meter) il-Leġislazzjoni Sussidjarja 545.03 (Ir-Regolamenti dwar il-Fornitura tal-Ilma) tipprovdi inter alia s-segwenti:

*'19. Mingħajr preġudizzju għar-regolament 5, l-arloġġi għandhom ikunu pprovduti u mqegħdin mill-Korporazzjoni bi spejjeż ta' min talabhom, f'dik in-naħa tal-bini u b'dak il-ħsieb għall-ħarsien tagħhom li lill-Korporazzjoni jidhrilha li jmur. Dawk l-arloġġi jibqgħu l-proprjetà tal-Korporazzjoni.*

*39. Meta jinstab li jkun sar xi ... ħsara fil-komunikazzjoni ... il-Korporazzjoni għandha titlob lill-konsumatur, sid jew residenti fil-fond, skond il-każ, iħallasha danni f'ammont ta' mhux inqas minn elf u ħames mitt euro (€1,500).*

*36.(1) Konsumatur ma jkunx meħlus mir-responsabbiltà għall-ħlas tas-servizz u tar-rati tal-konsum tal-ilma mistħoqqa kemm-il darba u sakemm huwa ma jgħarrafx bil-miktub lill-Korporazzjoni bil-ħsieb tiegħu li ma jibqax jinqeda bis-servizz tal-ilma minn dak il-jum 'il quddiem li huwa jsemmi u sakemm ma jkunx ħallas il-flus kollha li jkollu jagħti skond dawn ir-regolamenti.*

*23 (2) Meta kosumatur, wara li jirċievi avviż xieraq, jonqos li jagħti faċilitajiet lil uffiċjal tal-Korporazzjoni għall-qari tal-arloġġi, iċ-Chief Executive, salv kull responsabbiltà oħra li jkun daħal fiha l-konsumatur, jew persuna oħra li tiċħad id-dħul lill-uffiċjal tal-Korporazzjoni, jew ma jħallix jew ifixkel dak il-qari, għandu jara li ssir stima tal-konsum, fid-diskrezzjoni tiegħu, fuq il-bażi tal-għażliet maħsuba skond ir-regolament 25, u l-konsumatur għandu jħallas skond hekk:*

*Iżda f'kull każ bħal dak l-aġġustament xieraq tal-kont tal-konsumatur dwar il-konsum għandu jsir meta l-arloġġi jiġu eventwalment moqrija.*

Għalhekk jirriżulta illi jekk is-soċjeta` rikorrenti riedet li l-kera tal-istess *meters* ma' tibqax takkumula u tiġi ddebitata lilha hija kellha tieħu ħsieb, li b'mod formali twettaq il-proċeduri kollha rikjesti sabiex l-istess *meters* jiġu rimossi mill-fond wara li tħallas il-bilanċ dovut.

Illi għal dak li jirrigwarda konsum, l-allegazzjoni tas-soċjeta` rikorrenti hija li l-ammont mhux dovut għax huwa bbażat fuq stima. Illi minn eżami tal-kontijiet esebiti jirriżulta illi mill-kontijiet kollha li ħarġu mill-intimata mis-16 ta' Lulju 2010 sal-11 ta' April 2018, kien hemm biss żewġ okkażjonijiet fejn saret stima tal-konsum, u ċioe` fil-kont tas-6 ta' Ottubru 2011[5] u f'dak tat-30 ta' Ġunju 2011[6] fejn fiż-żewġ okkażjonijiet il-konsum tal-ilma ġie stmat fl-ammont ta' żewġ ewro u sittax-il ċenteżmu (€2.16) u żewġ ewro u tletin ċenteżmu (€2.30) rispettivament,u ċioe` ammont irriżorju. Kien biss mill-kont tal-11 ta' Settembru 2019 'il quddiem li reġgħu bdew isiru stimi regolari tal-konsum, pero` dawn il-kontijiet mhumiex mertu tal-proċeduri odjerni.

Illi pero`, iktar minn hekk, il-Qorti tosserva illi s-soċjeta` rikorrenti ma ġabet ebda prova tal-qari attwali tal-meter u kwindi ċertament din il-Qorti ma tista bl-ebda mod tittempra l-ammont reklamat mill-intimata għall-konsum. Illi kif spjega Reuben Bonnici, jekk l-intimata jkollha prova ċara illi l-konsum kien inqas minn dak stmat, allura jkunu jistgħu isiru l-aġġustamenti appożiti u jiġi

[5] A fol. 303
[6] A fol. 305

rivedut il-kont. Pero` fin-nuqqas ta' tali prova, din il-Qorti ċertament ma tista' tagħmel ebda aġġustamenti.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata fir-rikors promutur, u dan stante li diġa` ġiet deċiża permezz ta' sentenza tat-22 ta' Jannar 2021, qiegħda tiċħad it-talba tas-soċjeta` rikorrenti u tilqa' r-risposta tas-soċjeta` intimata *proprio et nomine*. Għaldaqstant tiddikjara illi l-effetti tal-Ittra Uffiċjali Numru 1057/18 fl-ismijiet ***Automated Revenue Management Services Limited proprio et nomine vs Gozo Caterers Limited (C-4338)*** huma enforzabbli fil-konfront ta' l-istess Gozo Caterers Limited fl-ammont ta' elf, sitt mija u disa' u tletin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€1639.36).

Spejjeż a karigu tas-soċjeta` rikorrenti.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**